22001D0117

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 117/2001

tat-28 ta' Settembru 2001

li temenda l-Anness VI (Sigurtà Soċjali) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness VI mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 72/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 89/2001 tas-17 ta' Jannar 2001 li jemenda r-Regolment tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 li jistabbilixxi l-proċedura sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familja tagħhom li jimxu ġewwa l-Komunità ([2]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Minħabba l-bidliet leġislattivi fl-Islanda huwa meħtieġ li jiġi aġġustat it-test ta' addattament fil-punt 2 ta' l-Anness VI mal-Ftehim sabiex jirrifletti dawn il-bidliet,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt 2 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72) ta' l-Anness VI mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied qabel it-test ta' addattament::

"– **32001 R 0089**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 89/2001 tas-17 Jannaru 2001 (ĠU L 14, tat-18.1.2001, p. 16)".

2. It-test tat-taqsima "P. ISLANDA" fl-intestatura (b) tat-test ta' adattament għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-Mard u l-Maternità

(a) Il-mard:

It-*Tryggingastofnun ríkisins* (L-Istitut ta' l-Istat tas-Sigurtà Soċjali), Reykjavík

(b) Il-maternità:

It-*Tryggingastofnun ríkisins* (L-Istitut ta' l-Istat tas-Sigurtà Soċjali), Reykjavík

2. L-invalidità, ix-xjuħija, u l-mewt (pensjonijiet):

(a) Il-pensjonijiet taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali:

It-*Tryggingastofnun ríkisins* (L-Istitut ta' l-Istat tas-Sigurtà Soċjali), Reykjavík

([1]) ĠU L 238, tas-6.9.2001, p. 21.
([2]) ĠU L 14, tat-18.1.2001, p. 16.

(b) Il-pensjonijiet konċessi taħt l-Att dwar l-Assigurazzjoni Mandatorja tad-Drittijiet għall-Pensjonijiet u dwar l-Attivitajiet tal-Fondi tal-Pensjonijiet:

Il-fond tal-pensjonijiet fejn il-persuna ħallset il-kontribuzzjonijiet.

Il-korp tal-kuntatt għall-fondi tal-pensjonijiet huwa t-*Tryggingastofnun ríkisins* (L-Istitut ta' l-Istat tas-Sigurtà Soċjali), Reykjavík

3. L-inċidenti fuq ix-xogħol u l-korrimenti kkawżati mix-xogħol:

(a) Il-benefiċċji in natura u l-pensjonijiet taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali *Tryggingastofnun ríkisins* (L-Istitut ta' l-Istat tas-Sigurtà Soċjali), Reykjavík

(b) Il-pensjonijiet taħt l-Att dwar l-Assigurazzjoni Mandatorja tad-Drittijiet għall-Pensjonijiet u dwar l-Attivitajiet tal-Fondi tal-Pensjonijiet:

Il-fond tal-pensjonijiet fejn il-persuna ħallset il-kontribuzzjonijiet.

Il-korp tal-kuntatt għall-fondi tal-pensjonijiet huwa t-*Tryggingastofnun ríkisins* (L-Istitut ta' l-Istat tas-Sigurtà Soċjali), Reykjavík

4. Il-qagħad:

il-*Vinnumálastofnun* (id-Direttorat tax-Xogħol), Reykjavík

5. Il-benefiċċji tal-familja:

(a) il-benefiċċji tal-familja għajr il-benefiċċji tat-tfal:

It-*Tryggingastofnun ríkisins* (L-Istitut ta' l-Istat tas-Sigurtà Soċjali), Reykjavík

(b) Il-benefiċċji tat-tfal u l-benefiċċji supplimentarji tat-tfal:

ir-*Ríkisskattstjóri* (Id-Direttorat tad-Dħul Intern), Reykjavík".

3. It-test tal-Parti 2 (Benefiċċji tal-qagħad) tat-taqsima "P. ISLANDA" fl-intestatura (ċ) tat-test ta' adattament għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Il-qagħad:

il-*Vinnumálastofnun* (id-Direttorat tax-Xogħol), Reykjavík".

4. It-test tal-Parti 2 (Benefiċċji tal-qagħad) tat-taqsima "P. ISLANDA" fl-intestatura (f) tat-test ta' adattament għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Il-qagħad:

il-*Vinnumálastofnun* (id-Direttorat tax-Xogħol), Reykjavík".

5. It-test ta' l-ewwel paragrafu tal-parti 1 tat-taqsima "P. ISLANDA" fl-intestatura (m) tat-test ta' adattament għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Għall-għanijiet sabiex jiġu applikati l-Artikoli 13(2)(d), 14(1)(a), 14(2)(b), 14a(1)(a), 14a(2), 14a(4), 14b(1), 14b(2), 14b(4), 14c(a) u 14e tar-Regolament u l-Artikoli 11, 11a, 12a(2)(a), 12a(5)(c), 12a(7)(a) u 12b tar-Regolament ta' implimentazzjoni:"

6. It-test tat-tieni paragrafu tal-parti 4 tat-taqsima "P. ISLANDA" fl-intestatura (m) tat-test ta' adattament għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"il-*Vinnumálastofnun* (id-Direttorat tax-Xogħol), Reykjavík".

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 89/2001 fl-ilsien Islandiż u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komuniajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2001, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt għaż-Żona EE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ta-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Settembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt għaż-Żona EE

Il-President

E. BULL

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.